**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1099/97

Dr Emanuel George Cefai LL.D.
vs
Onorevoli Prim Ministru
Il-Ministru ta' l-Ambjent u
L-Awtorita` ta' l-Ippjanar

Illum 1 ta’ Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament fiz-zmien ossija zminijiet taht indikati huwa sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn drittijiet vantaggi u/jew beneficcji li fl-istess zmien inghataw lil terzi filwaqt li gew negati lilu u dan bi pregudizzju seju ghalih.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

Illi fil-perjodu msemmi kemm il-Planning Services Division u/jew awtorita` ohra kompetenti w imbaghad u ssegwentement u cioe` mill-1991 'l quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mxew mar-rikorrent b'mod diskriminatorju u li poggewh fi zvantagg fil-konfront ta' certi terzi.

Illi r-rikorrent ser jispecifika iktar ahjar u dettaljatament dawn l-incidenti iktar 'il quddiem fil-kors tal-kawza.

B'rizultat ta' l-imsemmija incidenti r-rikorrent irrizulta fi zvantagg di fronte ta' terzi ghal aktar minn darba wahda.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jaghmel ir-rikors odjern u jaddivjeni ghall-prezenti Tribunal sabiex minghandu jottjeni dik l-gustizzja li kienet giet lilu negata precedentement.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu

Ghaldaqstant talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jaqta' dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jordna lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u/jew lill-intiamti l-ohra biex ir-rikorrent jigi ri integrat fil-pozizzjoni dovuta lilu.

Alternattivament ghandu jithallas kumpens f'ammont ta' mhux izjed minn hamest elef liri maltin [Lm5000] lir-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru u tal-Ministru ta' l-Affarjiet Barranin u ta' l-Ambjent li eccepew:

Illi huma mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza stante illi huma ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-allegati kazi ta' ingustizzji, li dwarhom ma nghatawx dettalji izda li jidher li huma marbuta ma' decizjonijiet li ttiehdu fil-passat mill-Planning Services Division, minn xi awtorita` ohra kompetenti u, aktar ricenti, mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra r-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li eccepiet:

Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` issottomettit n-nullita` tar-rikors odjern gja la darba r-rikorrent lanqas biss ipprecisa l-kaz li dwaru qed jilmenta. Li qal ir-rikorrent fir-rikors tieghu hu li xi f'perjodu bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 (u fil-kaz ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mill-1991 'il quddiem) l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet mexiet b'mod diskriminatorju mieghu tant li poggietu fi zvantagg fil-konfront ta' terzi. Ir-rikorrent konvenjentement qed jghid li ser jispecifika "l-incidenti" matul il-kors tal-kawza quddiem dan it-Tribunal minghajr pero' ma ta' l-icken hjiel ta' x'inhuma dawn l-incidenti.

Illi hu umilment sottomess li l-Att Numru VIII tal-1997 imkien ma jaghti il-fakulta li jsiru lmenti ta' natura generika bla riferenza ghall-ebda kaz specifiku. Illi dan johrog car minn qari ta' l-Att partikolarment l-artikolu 6 ta' l-istess Att.

Illi jekk wiehed jifli sew ir-rikors odjern malajr jintebah li t-talbiet maghmula mir-rikorrent huma generici u vagi ghall-ahhar. Di fatti fir-rikors maghmul mir-rikorrent ma hemm imkien indikat ghal liema kaz jew kazijiet qed jirreferi r-rikorrent.

Illi inoltre jigi rilevat li r-rikorrent diga ntavola tmien rikorsi ohra quddiem dan it-Tribunal, li sebgha minnhom apparentement jirrelataw dwar kazijiet specifiki waqt li r-rikors l-iehor li jgib in-numru 1032/97 hu simili hfna ghar-rikors odjern fis-sens li anke f'dak ir-rikors ir-rikorent ghogbu jaghmel talbiet vagi u generici minghajr referenza ghal xi kaz jew file partikolari.

Illi in vista tas-suespost l-intimata Awtorita` ta' l-Ippjanar minn issa qed tirriserva d-dritt li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri meta u jekk ir-rikorrent jiddeciedi li jghid ezatti dwar x'hinu l-ilment tieghu u jekk ikun il-kaz tindika xhieda ohra jew tipproduci provi ohra.

Wiehed japprezza li l-intimata Awtorita` ta' l-Ippjanar qatt ma tista' tkun f'qaghda li twiegeb jekk ir-rikorrent ma jaghtix taghrif car dwar il-kaz tieghu. Anke harsa lejn il-lista tax-xhieda tar-rikorrent tkompli tikkonferma n-natura generika tat-talbiet tar-

rikorrent fejn bl-istess mod vag ir-rikorrent fost ohrajn indika bhala xhieda tieghu "....sidien ta' propjeta ...periti privati...".

Illi inoltre hu sottomess li r-rikorrent m'ghandu l-ebda dritt li jippretendi li jithallas wkoll sa hamest elef Lira Maltin meta hu ma specifika l-ebda ilment biex jiggustifika li jinghata tali kumpens minn dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant l-Awtorita' intimata talbet li dan it-Tribunal ma jilqghax it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar peress li a bazi ta' dak li ssottometta r-rikorrent, l-istess Awtorita` ma ghamelt l-ebda ingustizzja u peress wkoll li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati kemm fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din id-decizzjoni hi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-intimati fuq il-fatt li jsostnu li r-rikorrent ma specifikax ghall-liema kaz

qed jilmenta u li ghalhekk l-istess rikors promotur huwa null. L-intimati jsostnu li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal trid tohrog mill-artikolu 6 (1) u f'dan il-kaz sub-artikolu (d) li jitkellem dwar il-permessi mehtiega bil-ligi. Skond l-artikolu 7 ta' l-Att VIII tal-1997 ir-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes…. L-Awtorita' intimata issostni li r-rikors hu null minhabba li hu genereriku u ma jaghmel ebda referenza ghall-ebda kaz specifiku.

Irrizulta mir-rikors li hu tkellem b'mod generiku dwar xi diskriminazzjoni li poggewh fi svantagg fil-konfront ta' terzi. Hu essenzjali li fir-rikors promutur ir-rikorrent ghandu jispecifika fiex tikkonsisti l-allegata ingustizzja. Ghalhekk irid ikun hemm ilment specifiku.

It-Tribunal ihoss li l-iskop ta' l-Att VIII tal-1997 ma kienx li jitkellem dwar ilmenti b'mod generali izda b'mod specifiku u dirett. Ilment irid ikun dwar allegata ingustizzja imgarrba b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha. Mill-lokuzzjoni wzat mill-ligi hu car li l-ilment irid ikun jirreferi ghal xi ingustizzja specifika minn xi persuna li ghaliha japplika l-Att dwar xi wiehed mill-aspetti msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) li f'dan il-kaz jirreferi ghal permessi mehtiega.

Wiehed jista' jkompli jara li t-talba tar-rikorrent ma tinkwadrax ruhha fil-ligi anke mit-talba stess. Infatti ir-rikorrent talab li t-Tribunal jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar u/jew l-intimati l-ohra

sabiex ir-rikorrent jigi re-integrat fil-posizzjoni dovuta lilu. It-talbiet tar-rikorrent huma vagi b'mod li lanqas huma specifikati l-applikazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent. Tant kemm ma huwiex specifikat kif titlob il-ligi li anke meta semma lix-xhieda semma "Sidien ta' propjeta', …Periti privati…".

Fin-nota spjegattiva tieghu prezentata fit-3 ta' April, 2000 ir-rikorrent ta diversi dettalji ta' meta gie mizmum fil-bini fl-Ghasri mill-Awtorita', meta talab ghal permess fl-Gharb, imposizzjoni tal-gholi tal-Bini fil-Kalkara, applikazzjoni fix-Xlendi, cahda tad-Development Control Commission. A tenur tal-ligi [artikoli 6 u 7] r-rikorrent kellu jaghmel dan fir-rikors promotorju. Infatti l-artikolu 7 (2) tal-Att VIII tal-1997 jghid:

"Ir-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes …". Jinghad ukoll li jekk t-Tribunal kellu jawtorizza s-sostituzzjoni tar-rikors b'rikors iehor dan ifisser li jkun dahal ilment wara id-data tat-2 ta' Dicembru, 1997 – haga li mhix permessa ghax ikun skada z-zmien perentorju. L-iskop tat-Tribunal fil-verbal tad-9 ta' Frar, 2000 biex ir-rikorrent jipprezenta nota spjegattiva kien halli jkun jista' jikkomprendi **ahjar** dak li **gja kien fih ir-rikors**, kif wara kollox isir f'kull kaz meta jigi prezentat affidavit tar-rikorrent jew jixhed l-istess rikorrent u xhieda prodotti minnu, izda mhux li permezz tan-nota spjegattiva r-rikorrent jinkludi dak li kellu dover li jaghmel *ab initio* u li minghajr raguni valida halla barra. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ghamilx bhal f'kull kaz iehor li pprezenta l-qafas u fil-kors tal-kawza mela l-bqija izda ipprezenta rikors li b'ebda

mod ma iddikjara **sufficjentement il-fatti li fuqhom kellu jkun imsejjes ir-rikors.**

Certament ilment ta' din in-natura jwassal ghan-nullita' ta' l-istess rikors.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati li l-ilment huwa null.

Spejjez kontra r-rikorrent.